31999D0487

L 190/36 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 23.7.1999

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tat-2 ta' Lulju 1999

li temenda d-deċiżjoni 98/568/KE li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' prodotti tas-sajd li joriġinaw fil-Gwatemala

(notifikata skond id-dokument numru K(1999) 1828)

(Test b'relevanza ŻEE)

(1999/487/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabilixxi il-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill Nru 91/493/KEE tat-22 ta' Lulju 1991 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet għall-produzzjoni u t-tpoġġija fuq is-suq ta' prodotti ta' sajd [1], kif l-aħħar emendat bid-Direttiva 97/79/KE [2], u partikolarment l-Artikolu 11 tiegħu,

(1) billi l-Artikolu 1 tad-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI 98/568/KE tas-6 ta' Ottubru 1998 li tistabbilixxi l-kondizzjonijiet speċjali dwar l-importazzjoni tal-prodotti tas-sajd u l-akkwakultura li joriġinaw fil-Gwatemala [3], illi tgħid illi id-Dirección General de Servicios Pecuarios (Digesepe) del Ministerio de Agrikultura, Ganadería y Alimentación ser tkun l-awtorità kompetenti fil-Gwatemala biex tivverifika u tiċċertifika konformità ta' prodotti ta' ħut u akwakultura mar-rekwiżiti tad-direttiva 91/493/KEE;

(2) billi, wara ristrutturar tal-Gvern tal-Guatamela, l-awtorità kompetenti għaċ-ċertifikati ta' saħħa għall-prodotti tal-ħut (Digesepe) tbiddlu għall-Area de Inocuidad de Alimentos - Unidad de Normas y Regulaciones (AIA - UNR) u din l-awtorità l-ġdida hija kapaċi li tivverifika b'mod effettiv l-applikazzjoni tal-liġijiet fis-seħħ; billi huwa, għaldaqstant, neċessarju illi tkun modifikata n-nomina ta' l-awtorità kompetenti imsemmija mid-Deċiżjoni 98/568/KE u l-mudell taċ-ċertifikat tas-saħħa inkluż fl-Anness A ta' din id-Deċiżjoni:

(3) billi l-miżuri preskritti f'din id-DEĊIŻJONI huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti Veterinarju, prevista

ADOTTAT DIN ID- DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/568/KE hija emendata kif ġej.

1. L-Artikolu 1 għandu jkun mibdul b'dan li ġej:

   "L-Artikolu 1

   Il- Area de Inocuidad de Alimentos - Unidad de Normas y Regulaciones (AIA - UNR) tal- Ministerio de Agrikoltura, Ganaderia y Alimentación ser tkun l-awtorità kompetenti fil-Gwatemala biex tivverifika u tiċċertifika l-konformità tal-prodotti tas-sajd u l-akwakultura mar-rekwiżiti tad-direttiva 91/493/KEE."

2. l-Anness A ser jinbidel b' dan l-Anness.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, 2 Lulju 1999.

Għall-Kummissjoni

Franz FISCHLER

Membru tal-Kummissjoni

[1] ĠU L 268, ta' l-24.9.1991, p. 15.
[2] ĠU L 24, tat-30.1.1998, p. 31.
[3] ĠU L 277, ta' l-14.10.1998, p. 27.

ANNESS

"l-Anness A

ĊERTIFIKAT TA' SAĦĦA

għall-prodotti tal-ħut u ta' l-akwa kultura li joriġinaw fis-Seychelles u ntiżi għall esportazzjoni fil-Komunitajiet Ewropej, li jeskludu l-molluski bivalvi, ekinodermi, tunikati u gastropodi tal-baħar fi kwalunkwe forma:

Numru ta' riferenza: .....

Pajjiż ta' kunsenja: Il- Gwatamela

Awtorità Kompetenti: Awtorità kompetenti Area de inocuidad de Alimentos — Unidad de Normas y Regulaciones (AIA — UNR)

I. **Dettalji li jidentifikaw il-prodotti ta' ħut**

— Deskrizzjoni ta' prodotti ta' ħut/akwa kultura (1):

— speċi(isem xjentifiku): .....

— preżentazzjoni ta' prodott u tip ta' trattament (2): .....

— Numri ta' kodiċI (fejn japplika): .....

— Tip ta' ippakjar: .....

— Numru ta' pakketti: .....

— Piż nett: .....

— Ħażna rikjesta u t-temperatura tat-trasport: .....

II. **Oriġini tal-prodotti**

L-isem jew l-ismijiet u n-numru jew in-numri ta' approvazzjoni ta' l-stabiliment jew l-stabbilimenti, tal-bastiment jew tal-bastimenti, tal-fabbrika, jew tal-maħżen jew ta' l-imħażen li jkesshu approvati jew il-bastiment jew il-bastimenti friża reġistrati mill-FIU għall-esportazzjoni lill-Komunitajiet Ewropej

.....

.....

.....

III. **Destinazzjoni tal-prodotti**

Il-Prodotti huma kkonsenjati

minn: .....
(post ta' konsenja)

għall: .....
(pajjiż u post ta' destinazzjoni)

permezz as-segwenti mezzi ta' trasport: .....

Isem u indirizz ta' min jikkunsinja: .....

.....

.....

Isem ta' min jirċievi l-kunsenja u indirizz fil-post ta' destinazzjoni: .....

.....

.....

(1) Ħassar kif ikun hemm bżonn.
(2) Ħajja, imkessħa, iffriżati, immelħa, ippreservati eċċ

IV. **Ċertifikat ta' sahha**

L-ispettur uffiċjali qieghed hawnhekk jiċċertifika illi l-prodotti ta' sajd u akwakultura speċifikati hawn fuq:

1) kienu maqbuda, ittrattati fuq bastimenti skond ir-regoli ta' sahha stabbiliti fid-direttiva 92/48 KEE

2) tniżżlu, ġew trattati u fejn jixraq ippakkjati, ippreparati u ipproċessati, iffriżati, imdewwba u mahżuna b'mod iġeniku sknd ir-rekwiżiti imniżżla f'Kapitoli II, III u IV ta' l-Annes mad-Direttiva 91/493/KEE

3) ghaddew minn kontrolli skond il-Kapitolu V ta' l-Anness mad-direttiva 91/493/KEE

4) huma ippakkjati, immarkati u mahżuna u trasportati skond il-Kapitoli VI, VII u VII ta' l-Anness tad-Direttiva 91/493/EKE

5) ma humiex ġejjin minn speċi tossiċi jew speċi li fihom il-biotossini

6) ghaddew b'mod sodisfaċenti minn inspezzjonijiet organoleptiċi, parasitoloġiċi, kimiċi u mikrobijoloġiċl stabbili ghal ċerti kategoriji ta' prodotti ta' sajd mid-Direttiva 91/493/KE u fid-deċiżjonijiet ta' implimentazzjoni.

L-uffiċjal hawn taht iffirmat jiddikjara li huwa jaf bid-dispożizzjonijiet tad-Direttiva 91/493/EKE, Direttiva 92/48 EKE u Deċiżjoni 98/568/KE

Maghmula ....., fil .....
(Post) (Data)

Timbru Uffiċjali [1]

.....
Firma tal-ispettur uffiċjali [1]

.....
(isem f'ittri kbar, kapaċita u kwalifiki tal-persuna li qed tiffirma)

[1] Il-kulur ta' l-istampa u firma ghandha tkun differenti minn dak tal-partikolarijiet l-oħra fiċ-ċertifikat.